# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.8

**Kap 1: Jien u l-Oħrajn**

**Lezzjoni 1.8 – Ħadd ma kien jagħtih xejn!**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

- Jisimgħu u jitgħallmu dwar il-parabbola tal-Għani u Lazzru l-fqir.
- Jagħrfu l-faqar li kien hemm fi żmien Ġesù.
- Jifhmu bl-importanza tal-għajnuna lil xulxin.




**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Videoclip: *The Rich Man and Lazarus*

  http://www.downvids.net/the-parable-of-the-rich-man-and-lazarus-44124.html

  - Videoclip – *Paċi u Sliem*
    https://www.youtube.com/watch?v=9sAMqaTnsAw&spfreload=10

  - Karta ta' Taħriġ 1.7 (mill-Ktieb)



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu .

1. Uri l-klipp tal-Parabbola tal-Għani u Lazzru.
2. Spjega li din l-istorja mhix eżatt kif qalha Ġesù imma hija ppreżentata b'dan il-mod biex aħna nifhmu kemm seta' kien kattiv l-Għani u kemm hu ikrah li ma tħennx.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Iddiskuti l-istorja.
2. Stieden lit-tfal jaqsmu ma' sħabhom dak li laqathom minn din l-istorja.
3. Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.7.
4. Aqra u spjega s-silta mogħtija.
5. Irrevedi l-istorja u bħala klassi għin lit-tfal ipoġġu l-istorja wara xulxin.
6. Aqra Attività 2 u staqsi lit-tfal biex jaqtgħu liema kelma tmur ma' liema sentenza.
7. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt li għandna naħsbu fl-oħrajn.
8. Spiċċa l-lezzjoni billi issemma d-diska *Paci u sliem.*

- Spjega kif bis-sliem u bil-paċi aħna nkunu tassew qed nimxu fit-triq it-tajba.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Is-sinjur kellu wisq x'jiekol waqt li l-fqir ma kellu xejn.
2. Is-sinjur kien kattiv u lanqas kien jagħti xejn lill-fqir
3. Is-sinjur ma marx il-ġenna għax ma kienx ħanin.
4. Hemm bżonn li jaqsmu li jkollhom mal-oħrajn.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal juru li jagħrfu li llum Ġesù xorta għadu jgħix fostna u għandu bżonn lilna biex ikompli jgħin lil min qed ibati.
2. It-tfal juru li huma konxji li għandhom iħarsu aktar madwarhom biex jaraw fejn hemm bżonn l-għajnuna tagħhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



**Video Clip : *The rich man and Lazarus***

http://www.downvids.net/the-parable-of-the-rich-man-and-lazarus-44124.html

**Song : *Paċi u sliem***

https://www.youtube.com/watch?v=9sAMqaTnsAw&spfreload=10

## Nitolbu

Mulej, għinni nxerred il-paċi u sliem kull fejn inkun kif kont dejjem tagħmel int.

